TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 232/14/GB

**Victor u Ruth Caruana**

**vs**

**Ian Gauci – Bertolotto Solid & Laminated Doors**

Illum 28 ta' Jannar 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Novembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf sebgha mija u erbghin Ewro (€1,740.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal sitt (6) bibien, li nxtraw minghand l-intimat, liema bibien kienu difettuzi.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas m'attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kineu ordnaw sitt (6) bibien minghand l-intimat, u ma' dawn il-bibien ordnaw ukoll frane ta' tieqa li sa llum din ghadha ma wasslitx. Ir-rikorrenti kienu talbu lill-intimat kemm il-darba sabiex imur isewwi l-bibien (li kienu ddendlu u ntefhu) u sabiex igib il-frame tat-tieqa, pero' kien kollu ghal xejn. Din il-kwistjoni ilha ghaddejja mis-6 ta' Awissu 2012.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.VC1; flimkien ma' CD bir-ritratti tal-bibien in kwistjoni, li giet mmarkata bhala Dok.VC2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi l-intimat naqas b'mod kbir fis-servizzi tieghu lejn ir-rikorrenti konsumaturi, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna li l-intimat jiehu lura l-bibien in kwistjoni u jhallas l-ammont ta' elf sebgha mija u erbghin Ewro (€1,740.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**